# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Marzu 2024**

**Numru 11**

**Rikors numru 575/2011/2 MCH**

**Percius Car Hire Limited (C-3989)**

**v**

**Juanita Fenech u**

**b'digriet tal-10 ta' Ottubru 2011 issejjaħ fil-kawża Mario Fenech**

1. Il-konvenuta appellat mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat-12 ta' Mejju 2021, filwaqt li l-kumpanija attriċi pproponiet appell inċidentali. Il-kawża tikkonċerna l-vettura EBK 637 tal-marka Peugeot 207 li l-attriċi qalet li hi proprjetà tagħha. Għalhekk ħarrket lill-konvenuta sabiex tieħu lura l-vettura mingħand il-konvenuta u biex titħallas id-danni.

2. L-Ewwel Qorti spjegat il-fatti u l-kwistjoni b'dan il-mod:

*"Din hi kawza fejn is-socjeta attrici li topera fil-kiri ta' vetturi qed titlob lil konvenuta thallasha ghall-uzu ta' vettura EBK637 li solitament f'cirkostanzi normali tkun mikrija u dan mill-15 ta' Settembru 2010 sad-data tar-ritorn taghha bir-rata ta' €58 kuljum; thallas ghal kontravenzjonijiet tas-sewqan li ghalihom inhargu citazzjonjiet fl-ammont ta' €372.44; thallas ukoll ghal hsara li ikkagunat lil vettura f'incident tat-traffiku.*

*Il-konvenuta tirrispondi li l-vettura tappartjeni lir-ragel taghha Mario Fenech li ghaddejjjin minn proceduri ta' separazzjoni personali u ghalhekk tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Giet registrata fuq il-kumpanijia ghar-ragunijiet fiskali u finanzjarji. B'zieda ma' dan il-konvenuta tghid li l-vettura ilha fil-pussess taghha mindu inxtrat u l-bicca l-kbira tad-danni huma preskritti. Hi tghid ukoll li s-socjeta attrici trid ticcara b'liema titolu giet orginarjament konsenjata l-vettura lil konvenuta u kif dan spicca, meta l-fatturi mahruga juru kirja li teskludi pussess illecitu. Hi issostni li inhareg mandat ta' qbid kontriha li bis-sahha tieghu l-vettura giet elevata u moghtija f'idejn konsenjatarju. Hi ma ghandhiex tirrispondi minn din l-eventwalita l-quddiem. Rigward il-kontravenzjonijiet il-konvenuta tirrispondi biss ghal dawk kawzati b'nuqqas taghha biss. In kwantu ghat-talba dwar il-hsarat fil-vettura dawn jirrispondi ghalihom min hu responsabbli ghall-incident mhux id-detentur tal-vettura.*

*Zewgha Mario Fenech li gie imsejjah fil-kawza jsostni li l-vettura tappartjeni lis-socjeta u jikkonferma t-talbiet attrici. Izid li l-vettura kienet fil-pussess esklussiv tal-konvenuta u hu ma kellu ebda access ghaliha".*

3. Fir-rikors maħluf preżentat fis-16 ta' Ġunju, 2011 il-kumpanija attriċi talbet lill-Qorti sabiex:

*"1. Tiddikjara lill-intimata responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta attrici sa mill-gurnata li l-intimata kellha fil-pussess taghha l-vettura Peugeot 207cc EBK637, tal-kulur perla, liema danni qeghdin jikkawzaw pregudizzju sostanzjali lis-socjeta attrici.*

*2. Tikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' tmienja u hamsin ewro (€58) mill-gurnata li l-vettura intalbet lura mill-intimata sad-data tar-ritorn effettiv.*

*3. Tikkundanna lill-intimata thallas dik is-somma rapprezentanti citazzjonijiet li gew mahruga lil vettura Peugeot 207cc, numru EBK637 sa mill-gurnata li l-intimata kellha fil-pussess taghha l-vettura sad-data tar-ritorn effettiv.*

*4. Tikkundanna lill-intimata thallas dik is-somma rapprezentanti hsarat li gew ikkagunati fuq il-vettura konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li garrbet il-vettura meta kienet fil-pussess tal-intimata inkluz il-hlas tal-excess dovut lil kumpanija ta' assikurazzjoni u hsarat ohra li garrbet il-vettura de quo sa mill-gurnata li l-vettura ilha fil-pussess tal-intimata.*

*5. Tikkundana lill-intimata thallas lis-socjeta attrici responsabbli ghal kull dannu iehor li s-socjeta attrici tista' issofri bhala rizultat tal-inadempjenza tal-intimata.*

*6. Tordna lill-intimata, fi zmien qasir u perentorju, sabiex tirritorna l-vettura de quo lis-socjeta attrici".*

4. Il-konvenuta kkontestat it-talbiet u *inter alia* qalet li l-vettura kienet inxtrat minnha u minn żewġha. Żiedet li l-vettura kienet reġistrata f'isem il-kumpanija attriċi biss għal raġunijiet fiskali. Qalet ukoll li żewġha għandu jissejjaħ fil-kawża għaliex hu kien taha l-vettura.

5. B'digriet mogħti fl-10 ta' Ottubru 2011 l-ewwel qorti sejħet fil-kawża lil Mario Fenech, ir-raġel tal-konvenuta li *inter alia* argumenta li l-ġudizzju kien diġà integru għaliex l-aġir tal-konvenuta kien wieħed illegali u abbużiv u ma jorbotx lill-komunjoni tal-akkwisti. Kompla li l-konvenuta għandha tinżamm unikament responsabbli għad-danni.

6. B'sentenza tat-12 ta' Mejju 2021 l-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

*"Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt illi tilqa' l-eccezzjoni preliminari ta' Mario Fenech u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju; tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta Juanita Fenech; tilqa' limitatament it-tieni talba attrici u tilqa' in toto l-bqija tat-talbiet attrici u filwaqt illi tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta attrici fir-rigward tal-vettura Peugeot 207 EBK 637, tordna lill-konvenuta tirritorna lura lis-socjeta attrici l-vettura imsemmija Peugeot 207 bin-numru ta' registrazzjoni EBK 637, tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrci fl-ammont ta' erbatax-il elf, mija u sitta u tletin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€14,136.44) u tordna lill-konvenuta thallas*

*lis-socjeta attrici s-somma hekk likwidata, bl-imghax dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv;*

*Spejjez kollha, inkluz tal-kjamat in kawza, ghall-konvenuta Juanita Fenech".*

7. B'rikors preżentat fl-1 ta' Ġunju 2021 il-konvenuta ('appellanti) appellat mis-sentenza u talbet ir-revoka tas-sentenza appellata u sabiex jintlaqgħu l-eċċezzjonijiet li tat. L-imsejjaħ fil-kawża wieġeb fit-23 ta' Ġunju 2021, filwaqt li l-kumpanija attriċi wieġbet fl-24 ta' Ġunju 2021 u pproponiet appell inċidentali b'riferenza għad-danni likwidati mill-Ewwel Qorti. L-appellanti wieġbet għall-appell inċidentali permezz ta' tweġiba li ppreżentat fit-13 ta' Novembru 2023.

<u>Konsiderazzjonijiet</u>.

8. <u>Fl-ewwel aggravju</u> l-attriċi ssostni li l-ewwel qorti injorat il-provi li nġabru dwar il-vettura u vetturi oħra użati mid-diversi diretturi tas-soċjetà appellata u membri tal-familja tagħhom. Żiedet li l-karozza oġġett tal-kawża minn dejjem kienet fil-pussess tagħha, u qatt ma ntużat mill-appellata għall-kiri. Ma saret l-ebda prova li l-qligħ minn kirjiet li l-appellata tgħid li għamlet, daħlu fil-kotba tagħha. Inoltre l-Ewwel Qorti ma qisitx li wara li nqalgħet din il-kwistjoni, uħud mill-vetturi li kienu qabel jintużaw mid-diretturi jew familjari tagħhom, kienu trasferiti f'isem personali tan-nies li kienu jagħmlu użu minnhom. B'hekk il-vetturi inxtraw f'isem il-kumpanija bħala fiduċjarja tal-persuni ikkonċernati.

9. L-Ewwel Qorti qalet hekk:

*"Jirrizulta mill-provi prodotti illi l-vettura EBK637 hi proprjeta tas-socjeta attrici. Dan jirrizulta mhux biss mix-xiehda tad-diretturi tas-socjeta attrici u d-dokumenti esebiti mal-att promotur izda wkoll min Michael Attard ta' Michael Attard Limited li bieghu diversi vetturi ghal kiri lis-socjeta attrici. L-istess Michael Attard xehed ukoll illi l-hlas ghal vettura sar mis-socjeta attrici. Elmo Insurance, is-socjeta assikurattrici tal-vettura wkoll ikkonfermat li l-assikurazzjoni ghal vettura kienet maghmula favur is-socjeta attrici. Stephen Cachia, amministrattur fi Transport Malta ikkonferma li l-vettura tghajjat lis-socjeta attrici b'licenzja li skadiet fil-31 ta' Mejju 2012. Dawn il-provi jikkostitwixxu prova necessarja biex is-socjeta attrici tmexxi l-kawza l-quddiem bhala sid tal-vettura in kwistjoni.*

*Il-konvenuta tressaq l-eccezzjoni li ghalkemm fl-apparenza l-vettura issejjah lil kumpanija attrici, pero din kienet inxtrat min zewgha Mario wiehed mid-diretturi tas-socjeta attrici ghaliha bhala rigal tal-anniversarju tat-tieg. Ir-raguni ghaliex inxtrat f'isem is-socjeta attrici kien sabiex tigi frankata parti mit-taxxa tar-registrazzjoni billi karozzi tal-kiri kienu jhallsu inqas taxxa f'dak iz-zmien. Izzid li l-hlas sar personalment min zewgha. Ghalhekk effettivament il-vettura hi tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-konvenuta ma ressqet ebda prova biex issostni dan kollu. Effettivament il-vettura inxtrat zmien qabel l-anniversarju tat-tieg imsemmi mill-konvenuta. Il-konvenuta ippruvat tressaq prova illi diretturi ohra u n-nisa u rgiel taghhom kienu juzaw vettura tal-kumpanija b'mod esklussiv izda ukoll ma giebet ebda provakonvincenti a rigward. L-unika prova li harget hu illi d-diretturi u n-nisa jew irgiel taghhom kellhom il-fakolta li juzaw vetturi tal-kiri tal-kumpanija ghall-uzu personali taghhom pero jirritornawhom hekk kif tinqala kirja ghal vettura. In oltre hu minnu li jirrizulta li xi diretturi kellhom xi preferenza fl-uzu ta' karozza minn ohra pero ma irrizultax dak li allegat il-konvenuta illi dawn il-vetturi kienu tal-persuna li issuqha jew li kellhom uzu esklussiv taghhom. Anki l-allegazzjoni tal-konvenuta li l-vettura in kwistjoni dejjem kienet fil-pussess esklussiv taghha hu michud mid-dokumenti tal-kirja tal-vettura a fol. 115 et seq. tal-process. Ghalkemm il-konvenuta tikkontendi li l-fatturi esebiti mis-socjeta attrici gew iffalsifikati, l-ebda prova ta' dan ma tressqet mill-konvenuta, u dan oltre illi s-socjeta attrici esebiet ukoll l-ircevuti fiscali relattivi li jikkoroboraw dawn il-fatturi. Hi l-fehma tal-Qorti ghalhekk illi l-eccezzjoni tal-konvenuta illi l-vettura EBK637 kienet proprjeta tal-konjugi Fenech ghalkemm registrata f'isem is-socjeta attrici ma issib ebda fundament fil-fatt u l-ligi.*

*Isir accenn ghal parti minn eccezzjoni fejn il-konvenuta tallega li hafna mid-danni reklamati huma preskritti. Pero billi ma issemma ebda artikolu tal-ligi in sostenn ta' dan, din l-eccezzjoni mhix ser tigi konsidrata. Fi kwalunkwe kaz id-danni reklamati ikopru perjodu bejn l-ahhar tal-2010 u 2011 u l-kawza saret fl-2011. Kwindi ma hemm ebda trapass ta' zmien li jista' b'xi mod jikkostitwixxi xi bazi ghal xi eccezzjoni ta' preskrizzjoni".*

10. Fit-tweġiba ġuramentata li ppreżentat bi tweġiba għar-rikors maħluf, l-appellanti sostniet li l-vettura nxtrat minn żewġha Mario Fenech, direttur tal-kumpanija attriċi, u għalhekk tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Dik kienet id-difiża fil-meritu. Fid-dikjarazzjoni maħlufa u mehmuża mal-istess att qalet:

> *"5. Il-vettura meritu tal-kawża inxtrat mill-konjuġi Fenech, l-eċċipjenti u żewġha, matul erba' snin ilu minn flus il-konjuġi. Kien deksirtt minn Mario Fenech bħala rigal tal-ħamsa u għoxrin anniversarju tagħhom tat-tieġ. L-esponenti kienet għażlet il-karozza tagħha hija stess. L-esponenti kienet l-uniku persuna illi kienet tuża din il-vettura"*.

11. Il-Qorti tosserva:-

i. Il-vettura Peugeot EBK 637 inxtrat b'kuntratt tad-29 ta' Mejju 2007, mill-kumpanija appellata u Frank Fenech (fol. 8). Ir-raġel tal-appellanti ma kienx parti għal dak il-kuntratt. Il-*log book* tal-vettura nħareġ f'isem il-kumpanija appellata, bħala *"Is-sid reġistrat tal-vettura"*.

ii. Michael Attard Ltd ħarġet kont datat 8 ta' Ġunju 2007 lis-soċjetà appellata għall-prezz ta' Lm10,600 u riċevuta għal dak l-ammont li fiha jingħad li rċeviet il-ħlas mingħand Percius Car Hire Ltd.

iii. M'hemmx provi li juru li r-raġel tal-appellanti ħallas il-prezz tal-vettura.

iv. L-ewwel reġistrazzjoni tal-vettura kienet fil-5 ta' Ġunju 2007. L-appellanti xehdet (seduta tal-25 ta' Ottubru 2013) li l-vettura ngħatat lilha bħala rigal għal 25 sena anniversarju miż-żwieġ. Iż-

żwieġ kien ċelebrat fit-30 ta' Ottubru 1983. Għalhekk il-vettura nxtrat kważi sena u nofs qabel l-anniversarju. Perjodu li pjuttost jikkontradiċi l-verżjoni li tat l-appellanti.

v. Hemm dokumenti li juru li l-vettura nkriet f'okkazzjonijiet bejn id-19 ta' Lulju 2007 u t-22 ta' Lulju 2010 (fol. 115 *et seq.*), għalkemm mhux b'mod regolari. B'kollox inkriet għall-madwar 68 ġurnata. Għalkemm l-appellanti qalet li d-dokumenti huma foloz, uħud mid-dokumenti relatati mal-kiri tal-vettura jinkludu riċevuta fiskali u wkoll riċevuta ta' ħlas li sar permezz ta' *card*. Fatt ieħor li jkompli jtappan il-verżjoni tal-appellanti li l-vettura hi proprjetà tagħha u ta' żewġha u tħallset minn flushom.

12. L-appellanti ilmentat li l-Ewwel Qorti ma tatx piż lill-fatt li kien hemm xi vetturi f'isem is-soċjetà attriċi li kienu trasferiti lill-persuni li qabel kienu jagħmlu użu minnhom. Fatt li ssemma wkoll mill-imsejjaħ fil-kawża meta xehed in kontro-eżami (seduta 21 ta' Frar 2019), iżda qal li kienu nxtraw mill-persuna kkonċernata *".... meta kien sarilhom iż-żmien biex dawn il-karozzi partire mill-kumpannija"*. F'dan ir-rigward issemmew żewġ vetturi. Il-Qorti ma tarax li dak il-fatt kellu jwassal lill-Ewwel Qorti biex tikkonkludi li effettivament il-vettura oġġett tal-kawża kienet proprjetà tal-appellanti u l-imsejjaħ fil-kawża.

13. Min-naħa l-oħra wara li qrat l-atti l-Qorti tikkonkludi li verament il-vettura kienet tintuża mill-appellanti u żewġha, ħlief għal dawk il-perjodi

qosra li fihom il-vettura kienet għand terzi b'kera mingħand is-soċjetà appellanti. Madankollu, b'daqshekk ma jagħmilx il-vettura proprjetà tal-appellanti u l-imsejjaħ fil-kawża.

14. Bit-tieni aggravju l-appellanti argumentat li r-relazzjoni ta' bejn il-kumpanija u d-diretturi u żwieġhom u l-familjari tagħhom ma kinitx ta' tolleranza iżda ta' użu bil-kundizzjoni illi l-vettura tiġi ritornata malli tintalab lura biex tinkera lil terzi.

15. L-Ewwel Qorti qalet:

> *"Il-Qorti tqis illi r-relazzjoni bejn il-konvenuta u s-socjeta attrici hi fl-aghar ipotesi wahda ta' tolleranza kif tallega s-socjeta attrici mill-mod kif ressqet il-provi u fl-ahjar ipotesi wahda ta' precarium. Il-Qorti tqis li r-relazzjoni bejn is-socjeta u d-diretturi u zwieghom ma kinitx ta' tolleranza izda wahda ta' uzu bil-kondizzjoni li l-oggett ossia l-vettura tigi ritornata malli tintalab lura".*

16. Din il-linja ta' difiża ma nsibuhiex fit-tweġiba ġuramentata li ppreżentat l-appellanti u lanqas fin-nota ta' sottomissjonijiet (fol. 912). Anzi fl-ewwel eċċezzjoni sostniet li l-vettura, *"1...... tappartjeni għalhekk lill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn l-eċċipjenti u żewġha"*. Ovvjament l-eċċezzjoni tal-appellanti li hi sid tal-vettura flimkien ma' żewġha, m'hijiex kompatibbli mal-eċċezzjoni li l-vettura ngħatat lilha b'self għall-użu.

17. Issa fit-tieni aggravju l-appellanti qiegħda ssostni li l-vettura kienet għandha b'użu. Il-provi juru li l-vettura kienet għand l-appellanti u żewġha

sabiex tintuża, b'dan li kien hemm okkazzjonijiet li fihom il-kumpanija kriet il-vettura lil terzi. Wara li nqala' l-inkwiet fiż-żwieġ bejn l-appellanti u żewġha, il-kumpanija talbet lill-appellanti biex tirritorna lura l-vettura. L-appellanti irrifjutat. Għall-Qorti hu ċar li l-vettura kienet qiegħda tintuża mill-appellanti għalkemm inxtrat mill-kumpanija, minħabba l-fatt li r-raġel tal-appellanti kien involut fil-kumpanija attriċi. Għalhekk, bħala mart l-imsejjaħ fil-kawża kienet qiegħda tgawdi minn dak il-privileġġ. Ladarba inqala' l-inkwiet fiż-żwieġ u l-appellanti u żewġha isseparaw *de facto* u spiċċaw il-qorti, il-kumpanija ma kellha l-ebda obbligu li tippermetti lill-appellanti li tkompli tagħmel użu mill-vettura. Għalhekk kellha jedd titlob lill-appellanti sabiex tirritorna l-vettura.

18. <u>Bit-tielet aggravju</u> l-appellanti ilmentat dwar is-somma ta' €3,000 li l-Ewwel Qorti kkundannatha tħallas wara li qieset li fl-ewwel erba' snin il-vettura nkriet 50 ġurnata. Żiedet li matul is-snin li damet tinstema' l-kawża, il-kumpanija kellha altru mill-opportunità biex tagħti prova ta' kiri attwali mitluf. Minflok argumentat li s-soċjet` appellata, *"... resqet talba għal mija u sittax-il elf, ħames mija u disgħin mitt Ewro (€116,590) daqs li kieku din ix-xorta ta' ħolm jikkostitwixxi prova"*.

19. Il-kumpanija appellata tippretendi s-somma ta' €116,590 bħala ħlas ta' kera, b'rata ta' €58 kuljum, mill-1 ta' Settembru 2010. F'rendikont datat 30 ta' Ġunju 2016 jissemmew l-invoices kollha li ħarġet il-kumpanija f'isem l-appellanti bejn il-perjodu 7 ta' Diċembru 2010 u 29 ta' Frar 2016.

Fin-nota ta' sottomissjonijet il-kumpanija argumentat li l-ħlas kien dovut minħabba, *"telf ta' introjtu li kienet tipperċepixxi mill-kiri tal-vettura, stante li l-vettura ma setgħetx tinkera lil terzi għall-fatt li l-intimata rrifjutat li tirritorna l-vettura lura lis-soċjeta rikorrenti. Dan sarraf għal telf finanzjarju ta' €58 (VAT inkluża) għal kull ġurnata li l-vettura kienet fil-pussess tal-intimata"*.

20. L-Ewwel Qorti rraġunat hekk:

> *"La darba s-socjeta attrici ghandha l-jedd u titolu ta' proprjeta ghal vettura in kwistjoni, wiehed irid iqis it-talba attrici ghad-danni fl-isfond tal-fatti ippruvati. Fl-ewwel wahda mill-partiti ghad-danni is-socjeta attrici qed tirreklama kumpens ghall-uzu tal-vettura mill-konvenuta kontra l-volonta u l-awtorizazzjoni tas-socjeta attrici. Dan il-kumpens hu kwantifikat bhala kirja ta' kuljum ghal vettura. …….. Il-Qorti tqis li r-relazzjoni bejn is-socjeta u d-diretturi u zwieghom ma kinitx ta' tolleranza izda wahda ta' uzu bil-kondizzjoni li l-oggett ossia l-vettura tigi ritornata malli tintalab lura. Ghalhekk it-talba attrici tista' tinqara fl-isfond ta' dan il-kuntest legali. Jirrizulta illi l-konvenuta naqset li tirritorna l-vettura wara li giet mibghuta lilha ittra fl-4 ta' April 2011 li giet ritornata lis-socjeta attrici mill-konvenuta u bi protest gudizzjarju tas-16 ta' Mejju 2011 fejn giet interpellata tirritorna l-vettura u thallas id-danni kollha kagunati. Jidher li l-vettura ghadha sallum fil-pussess tal-konvenuta avolja sar mandat ta' qbid fis-27 ta' Mejju 2011 li skont il-marixxall ma giex ezegwit* ghax il-konvenuta irrifjutat li taghti access. *Dan in-nuqqas flagranti tal-konvenuta li tirritorna l-vettura tesponi lil konvenuta ghad-danni li setghet sofriet is-socjeta attrici. L-istess socjeta attrici tippretendi hlas ta' kirja ta' €58 kuljum miz-zamma tal-vettura mill-konvenuta li skont l-istess socjeta jibda minn Settembru 2010 saz-zmien li l-vettura tibqa' fil-pussess tal-konvenuta. Ipprezentat prospett li sal-2016 kien ilahhaq is-somma ta' €116,590 (fol. 760-762 tal-process). Il-Qorti tqis li d-danni ghandhom fl-ewwel lok jigu pruvati u fit-tieni lok iridu jkunu proporzjonati u ragonevoli. Is-socjeta attrici qed tqis illi l-konvenuta ghandha thallas €58 kuljum qisu l-vettura kienet mahruga lilha. Pero s-socjeta attrici naqset li iggib prova li din il-vettura kellha l-potenzjal realistiku ta' kirja kuljum. Anzi l-provi juru illi bejn l-2007 sal-2010 is-socjeta attrici gabet prova biss li inkriet tlettax-il darba b'kollox 50 jum. Il-Qorti ghalkemm tikkunsidra li s-socjeta attrici seta' kellha telf minn nuqqas tal-vettura fil-pussess taghha biex tikriha lil terzi, pero l-istess direttur Mario Fenech xehed li s-suq ghal dawn il-vetturi naqas malli inxtrat flimkien ma' vettura Mercedes. Ghalhekk il-Qorti ser tillikwida b'mod abitrio u boni viri t-telf soffert mis-socjeta attrici*

*minhabba n-nuqqas ta' disponibilta tal-kiri tal-vettura fis-somma ta' €3,000, u din is-somma qed titiehed in konsiderazzjoni ghal fatt li l-vettura kellha erba' snin fl-2011 u ghalhekk kienet gia bdiet tiqdiem".*

21. Il-fatt li kien hemm okkazzjonijiet meta l-vettura nkriet matul l-ewwel erba' snin, ma jfissirx li kienet ser tkun mikrija għal kull ġurnata fil-futur. Fil-fatt l-Ewwel Qorti stess osservat li fl-ewwel erba' snin, *"... is-soċjeta attriċi ġabet prova biss li nkriet tlettax-il darba b'kollox 50 jum"*. Osservat ukoll li l-imsejjaħ fil-kawża stess xehed li kien naqas is-suq għal din it-tip ta' vettura. Għalkemm fl-aggravju l-appellanti argumentat li s-soċjetà appellata kellha kull opportunità *"biex turi kiri attwali mitluf"* tal-vettura, però ma spjegatx kif kellha ssir dik il-prova. Ċertament li l-kumpanija appellanti ma kellhiex toffri għall-kiri vettura li ma kinitx fil-pussess tagħha. F'dan ir-rigward kuntrarjament għal dak li argumentat l-appellanti, il-Qorti ma ssib l-ebda lacuna fil-provi li ressqet il-kumpanija.

22. Meta tqis il-perjodu twil li l-vettura ilha għand l-appellanti, is-somma ta' €3,000 m'hijiex irraġonevoli.

23. <u>Ir-raba' aggravju</u> hu dwar is-somma ta' €1,429.42 li jirreferu għall-ħsarat fil-vettura b'referenza għall-inċident tat-traffiku li l-appellanti kellha waqt li kienet qiegħda ssuq il-vettura. L-appellanti tilmenta li:

i. Is-somma pagabbli bħala riżarċiment għal ħsarat taħt polza ta' assikurazzjoni m'għandhiex neċessarjament tiġi applikata b'mod immedjat fit-tiswija tal-ħsara. Dan ifisser illi s-soċjetà appellata setgħet titlob u tirċievi s-somma pagabbli għal dawn it-

tiswijiet b'dan illi tillibera lill-assikurazzjoni tagħha minn kull obbligu ieħor.

ii. L-Ewwel Qorti sabet li fis-sena 2011 il-vettura kellha valur ta' €10,764. Somma li l-Ewwel Qorti ordnat lill-appellanti biex tħallas. B'hekk l-appellanti se tkun ħallset il-valur tal-vettura u minħabba f'hekk is-somma ta' €1,429.42 ma kellhiex tiżdied.

24. L-Ewwel Qorti qalet:

*"It-tielet partita tirrigwarda danni li l-konvenuta ikkagunat fil-vettura in konnessjoni ma' incident awtomobilistiku li sehh fl-4 ta' April 2011 u hsarat ohra fil-vettura kif ukoll hlas ta' excess. Rigward l-incident dan jirrizulta mir-road accident report a fol. 159 tal-process minn fejn jidher car illi l-incident sehh meta l-konvenuta kienet issuq il-vettura bla l-permess jew l-awtorizzazzjoni tas-sid u skont dak li jirrizulta mill-istess road accident report il-konvenuta tghid li baqghet hierga minn fuq stop sign ghax kienet aljenata. Din id-dikjarazzjoni a tempo vergine, mhux michuda mill-konvenuta tirrendiha responsabbli verso s-socjeta attrici ghal hsara kagonata liema hsara hi kwantifikata skont survey tas-socjeta assikuratrici fl-ammont ta' €1,429.42. It-tiswija ma saritx ghax il-vettura baqghet ghand il-konvenuta u s-survey tal-espert nominat mill-Qorti Joseph Zammit tal-2015 jindika li l-vettura kellha hsarat ohra fil-body u tapezzerija u ma kinitx tahdem ghax seta' kellha xi hsara fis-sistema komputerizzata. Illum din il-hsara x'aktarx saret aghar bit-trapass taz-zmien u billi issa l-vettura ghandha aktar minn tnax-il sena, il-probabilta hi li ma jaghmilx sens li l-vettura tissewwa minhabba l-hsara u l-eta li ghandha.*

*Il-Qorti tqis li l-konvenuta naqset li ma irritornatx il-vettura izda zammitha ghandha nonostante mandat ta' qbid u din l-intransigenza taghha kompliet izzid mad-dannu lil vettura. Il-prezz tal-vettura meta inxtrat fl-2007 bhala gdida kienet ta' €24,691 izda maz-zmien il-prezz ikompli jonqos. Il-vettura illum trid tigi irritornata lis-socjeta attrici u billi l-konvenuta naqset li tirritornaha meta mitluba senjatament fi zmien il-kawza fl-2011 trid taghmel tajjeb ghal hsarat u konsegwenti deprezzament tal-valur tal-vettura waqt li l-istess vettura kienet fil-pussess tal-konvenuta kontra r-rieda tas-socjeta attrici kif ukoll nuqqas ta' possibilta ta' uzu bi qliegh da parti tas-socjeta attrici. Mir- relazzjoni tal-Espert Tekniku mahtur mill-Qorti jirrizulta illi fl-2011 il-vettura in kwistjoni kellha valur ta' €10,764. Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €10,764 sabiex taghmel tajjeb ghad-danni u deprezzament fil-valur tal-vettura waqt li*

> *kienet fil-pussess taghha abbuzivament u xorta wahda ghandha tirritorna l-vettura fl-istat li hi".*

25. Ovvjament ladarba l-kumpannija appellata terġa' tieħu lura l-pussess tal-vettura, il-valur tagħha ser ikun ferm inqas mill-valur li kellha fis-sena 2011. Biss biss diġà għaddew tnax-il sena mis-sena 2011. Jibqa' l-fatt li l-vettura għad għandha xi valur, għalkemm mhux magħruf x'inhu. Mir-rapport tal-perit tekniku jirriżulta li l-vettura *".... tinsab fi stat malandat u b'diversi ħsarat fuqha li għandhom oriġini diversa"*. Semma wkoll li x'aktarx li hemm ħsara fil-magna ta' natura elettronika minħabba li l-vettura ilha żmien twil wieqfa, li però mhux magħruf x'inhuma.

26. Il-Qorti tistqarr li l-ewwel argument li għamlet l-appellanti fir-rigward tas-somma ta' €1,429.42 ma jiftehemx. Il-provi juru li r-responsabbiltà għall-inċident kienet tal-appellanti biss. Inċident li seħħ meta bejn l-appellanti u l-imsejjaħ fil-kawża kien hemm diġà l-kawża ta' separazzjoni pendenti (l-appellanti fetħet il-kawża għall-firda fil-15 ta' Marzu 2011), u meta l-kumpanija appellata kienet diġà oġġezzjonat li l-appellanti tkompli tagħmel użu mill-vettura. Tant hu hekk li għamlet ukoll rapport mal-pulizija dwar l-użu li l-appellanti kienet qiegħda tagħmel mill-vettura. L-appellanti stess ikkonfermat li kienet ġiet infurmata mill-pulizija sabiex ma tagħmilx użu mill-vettura. Madankollu, evidenti li baqgħet tużaha tant hu hekk li ħarġet ukoll f'isimha polza ta' assikurazzjoni għall-vettura li bdiet fl-1 ta' Ġunju 2011. L-imsejjaħ fil-kawża stess, li hu direttur tal-kumpanija,

ikkonferma wkoll li kien talab lill-appellanti biex tirritorna l-vettura lill-kumpanija.

27. F'kull każ l-ammonti li l-Ewwel Qorti ordnat lill-appellanti tħallas lill-appellata jitilgħu għal €14,136.44, u jikkonsistu:

i. €3,000 – telf li sofriet l-appellata minħabba li ma kellhiex il-vettura fil-pussess tagħha u għalhekk tilfet qligħ minn kiri;

ii. €372.44 – multi dovuti minħabba kontravenzjonijiet li ma tħallsux;

iii. €10,764 – valur tal-vettura fis-sena 2011 skont l-istima li għamel il-perit tekniku.

28. L-appellanti għandha żball tgħid li s-somma ta' €1,429.42 qatt ma kellha tiżdied mal-kundanna għaliex meta tħallas is-somma ta' €10,764, *".... l-appellanti tkun qiegħda 'tħallas' il-valur tal-vettura intatta u mingħajr ħsara"*. Mis-sentenza appellata hu ċar li l-Ewwel Qorti ma kkundannatx lill-appellanti tħallas ukoll is-somma ta' €1,429.42.

29. <u>Fil-ħames aggravju</u> l-appellanti tilmenta li bil-ħlas ta' €10,764, l-appellata ser tkun inkassat l-interess sħiħ fil-vettura. Għalhekk il-kundanna lill-appellanti biex tirritorna l-vettura hi *non sequitur*.

30. Hu fatt li bil-mod li ddeċidiet l-Ewwel Qorti, l-appellanti ser ikollha tħallas il-valur tal-vettura fl-2011 u wkoll tirritorna l-vettura lil sidha.

Għandha raġun l-appellanti li bil-ħlas ta' €10,764 l-appellata ser tkun irċeviet il-valur sħiħ tal-vettura, u għalhekk bil-mod li ddeċidiet l-Ewwel Qorti ma kienx hemm lok li tiġi kundannata wkoll tirritorna l-vettura.

31. Illum mhux magħruf x'valur għandha l-vettura li skont il-perit ġudizzjarju *".... tinsab fi stat malandat u b'diversi ħsarat fuqha li għandhom oriġini diversa"*. Bħala s-sid tal-vettura l-appellata għandha jedd teħodha lura. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti mhijiex ser tvarja dik il-parti tas-sentenza li laqgħet is-sitt talba tal-kumpannija appellata.

32. Min-naħa l-oħra l-Qorti ser tvarja dik il-parti tas-sentenza appellata li ordnat lill-appellanti tħallas il-valur tal-vettura fis-sena 2011, u minflok tordna li tħallas il-ħsara li fiha l-vettura. Skont l-istima li għamel il-perit tekniku fir-rapport li ppreżenta fit-2 ta' Frar 2015, il-vettura fiha ħsarat fl-ammont ta' €9,014.59. Għalkemm skont is-*survey report* li sar fid-19 ta' Lulju 2011 l-istima tal-ħsarat kienet ta' €1,429.42 għal dak li jikkonċerna l-inċident tat-traffiku li seħħ fis-7 ta' April 2011, dik l-istima qiegħda tirreferi biss għall-ispejjeż tat-tellar. Dan apparti li għaddew ħafna snin u l-vettura ma setgħetx tissewwa għaliex baqgħet għand l-appellanti. Għalhekk x'aktarx tiżdied l-ispiża biex tissewwa. Għaldaqstant, il-Qorti ser taddotta l-istima tal-ħsarat li ħejja l-perit ġudizzjarju fl-ammont ta' €4,135.38.

33. B'hekk minflok is-somma ta' €14,136.44 l-appellanti għandha tħallas lill-kumpanija appellata s-somma ta' €12,387.

34. Is-sitt aggravju hu minn dik il-parti tas-sentenza appellata li lliberat lill-imsejjaħ fil-kawża mill-osservanza tal-ġudizzju. L-appellanti ssostni li fejn l-Ewwel Qorti kkonkludiet li d-dejn hu riżultat ta' reat kriminali, hu maqtugħ mir-realtà. Qalet li l-vettura kienet tagħhom it-tnejn u l-pussess ingħata lilha minn żewġha u mhux mill-kumpanija.

35. Dwar dan l-Ewwel Qorti qalet:

*"Ikkonsidrat il-provi quddiemha, il-Qorti taqbel mal-kjamat in kawza illi s-somma likwidata minn din il-Qorti m'hijiex dejn tal-komunjoni tal-akkwisti. Galadarba irrizulta lil din il-Qorti illi l-vettura in kwistjoni hija proprjeta tas-socjeta attrici, iz-zamma taghha mill-konvenuta wara li l-istess vettura giet mitluba lura mis-socjeta attrici tinkwadra ruhha, fl-ahjar ipotezi fl-offiza komunement maghrufa bhala raggion fattasi, ai termini tal-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali u fl-aghar ipotezi fl-offiza ta'misapproprjazzjoni ai termini tal-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk, id-danni sofferti mis-socjeta attrici waqt illi l-vettura in kwistjoni kienet qed tinzamm illegalment mill-konvenuta huma r-rizultat ta' kommissjoni ta' reat ta' natura volontarja da parti tal-konvenuta. B'hekk dan jesponi lill-konvenuta biss ghall-hlas tad-danni likwidati f'din is-sentenza. Huwa minnu illi l-konvenuta ma gietx misjuba hatja ta' xi wiehed mir-reat imsemmija minn qorti ta' gurisdizzjoni kriminali. Pero skont l-artikolu 6 tal-Kodici Kriminali l-azzjoni kriminali u dik civili huma separati u indipendenti, u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti ma jehtieg illi jkun hemm sejbien ta' htija kriminali sabiex din il-Qorti tkun tista' tiddetermina jekk dejn huwiex tal-komunjoni tal-akkwisti jew le ai termini tal-artikolu 1327 (f) tal-Kodici Civili billi tikkonsidra jekk l-agir li kkawza d-danni mertu tal-kawza sarux a kawza ta' agir li jista' jikkostitwixxi reat volontarju.*

*Ghaldaqstant din l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti Mario Fenech ghandha mis-sewwa u qed tigi milqugha"*.

36. L-inċident tat-traffiku seħħ fis-7 ta' April 2011 meta b'ittra datata 4 ta' April 2011 l-appellata sejħet lill-appellanti biex tirritorna l-vettura, li rrifjutat għaliex kienet qiegħda ssostni li hi proprjetà tagħha u ta' żewġha. Fir-rigward tal-ħsarat l-oħra li l-perit ġudizzjarju qal li fiha fil-vettura,

m'hemmx prova li kienu diġà fil-vettura qabel inqala' l-inkwiet bejn l-appellanti u l-imsejjaħ fil-kawża. Prova li kellha ssir mill-appellanti. Il-perit ġudizzjarju qal li x'aktarx il-ħsarat saru fl-istess żmien li seħħ l-inċident tat-traffiku. Ħsara fil-ġnub tal-vettura u li l-perit qal *"li hija kkaġunata minn trassis ma' xi ħajt"*. Fil-fatt fis-*survey report* tad-19 ta' Lulju 2011 il-ħsara fil-vettura tinkludi l-bibien. Dan apparti ħsara volontarja li rrefera għaliha l-perit ġudizzjarju, li ċertament għandha tagħmel tajjeb għaliha l-appellanti peress li l-vettura kienet qiegħda tintuża minnha.

37. Hu evidenti li l-kumpanija appellanti m'għandha l-ebda pretensjoni fil-konfront tal-imsejjaħ fil-kawża li fiha hu direttur, u li qatt ma ppretenda li hu s-sid tal-vettura. Kienet l-appellanti li rrifjutat li tirritorna l-vettura lura u anzi bdiet issostni li hi l-proprjetà tagħha u baqgħet tagħmel użu minnha. Il-fatt li l-appellanti żammet il-vettura jista' jitqies bħala approprijazzjoni indebita u għalhekk id-danni relattivi ma jidħlux fil-komunjoni tal-akkwisti. Minkejja l-linja ta' difiża addottata mill-appellanti, il-Qorti hi konvinta li kienet taf li l-vettura m'hijiex proprjetà tagħha u l-imsejjaħ fil-kawża u li kellha obbligu li tirritornaha lil sidha.

38. Fiċ-ċirkostanzi l-imsejjaħ fil-kawża m'għandux jirrispondi għall-ħsarat li saru fil-vettura fiż-żmien li l-appellanti kienet taf li qiegħda tagħmel użu minnha bla jedd.

<u>Appell inċidentali</u>.

39. Il-kumpanija attriċi pproponiet appell inċidentali fir-rigward tad-danni fl-ammont ta' €3,000 u €14,136.44 li llikwidat l-Ewwel Qorti.

40. Fl-ewwel lok il-kumpanija tilmenta li bl-aġir tal-appellanti sofriet telf ta' introjtu f'kera tal-vettura, fl-ammont ta' €58 għal kull ġurnata b'seħħ minn Settembru 2010 saż-żmien li l-vettura tibqa' fil-pussess tal-konvenuta. F'dan ir-rigward għamlet referenza għar-rendikont li hemm a fol. 760 tal-atti.

41. Għal din il-Qorti l-pretensjoni tal-kumpanija għall-ħlas ta' €116,590 u iktar hi assurda, meta tikkunsidra li:

i. Il-vettura nxtrat f'Ġunju 2007 u mhuwiex verosimili li l-vettura kienet ser tibqa' tintuża għall-kiri għal dawn is-snin kollha;

ii. M'hemm l-ebda garanzija li l-vettura kienet ser tkun mikrija kuljum kif qiegħda tippretendi l-kumpanjia attriċi;

iii. F'perjodu ta' ftit inqas minn erba' snin, l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-vettura nkriet biss tlettax-il darba għall-perjodu ta' 50 ġurnata. Fatt li fih innifsu juri li ma kienx hemm domanda għolja għall-kiri ta' din il-vettura partikolari. X'aktarx li iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar kienet tonqos id-domanda għaliha;

42. Il-kumpanija attriċi tilmenta wkoll li s-somma ta' €14,136.44 hi ftit wisq. Ilmentat mill-istima li l-perit ġudizzjarju għamel tal-vettura fis-sena 2011 fl-ammont ta' €10,764 u qalet li dak kien il-valur tal-vettura fl-istat li kienet meta l-espert eżaminaha. Argumentat ukoll li l-Ewwel Qorti ma qisitx il-ħsara li semma l-perit tekniku fir-rapport tiegħu.

43. L-Ewwel Qorti ddeċidiet a bażi tal-istima li ta l-espert li nkarigat. Fir-rapport qal li *".... jissottometti li din il-vettura qabel ma ġarbet dawn il-ħsarat kellha valur stimabbli fis-sena 2011 ta' għaxart elef u seba' mija u erbgħa u sittin ewro (€10,764)"*. Ħadd mill-partijiet ma ressaq xi prova differenti. Lanqas ma saret talba għan-nomina ta' periti addizzjonali. Fiċ-ċirkostanzi għamlet sew l-Ewwel Qorti li bbażat id-deċiżjoni fuq il-parir tekniku. Il-fatt li l-vettura kienet inxtrat fis-sena 2007 għall-prezz ta' €24,691 ma kienx jiġġustifika li l-Ewwel Qorti tiskarta l-opinjoni teknika tal-perit ġudizzjarju.

44. Madankollu, bil-mod li ser tiddeċiedi din il-Qorti, l-istima tal-perit tekniku dwar il-valur tal-vettura fl-2011 ma tibqax rilevanti.

45. Għal dak li jirrigwarda l-istima ta' danni fuq il-vettura li ta l-perit tekniku fl-ammont ta' €9,014.59, il-Qorti ser tibbaża d-deċiżjoni dwar il-ħsarat fil-vettura fuq dik l-opinjoni ġialadarba dik hi l-uniku prova li għandha.

**<u>Deċiżjoni</u>.**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti:

46. Tiddeċiedi l-appell billi tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata li kkundannat lill-appellanti tħallas is-somma ta' erbatax-il elf mija u sitta u tletin ewro u erbgħa u erbgħin ċentezmu (€14,136.44) u minflok tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-kumpanija appellata s-somma ta' tnax-il elf tliet mija u sebgħa u tmenin ewro (€12,387) kif spjegat hawn fuq. Għall-kumplament tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Spejjeż jinqasmu in kwantu għal 5/6 a karigu tal-appellanti u 1/6 a karigu tal-kumpanija appellata.

47. Tiċħad l-appell inċidentali tal-kumpanija appellata bl-ispejjeż kontriha.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss